MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 15/2000/1

**Joseph BORĠ u George Briffa, Carmelo Briffa f'ismu u wkoll bħala mandatarju ta' ħutu Emmanuele u Joseph Briffa (imsefrin), ilkoll aħwa Briffa bħala werrieta ta' Konċetta Briffa *nee'* Borġ, u b'Degriet tas-16 ta' Ottubru, 2000, il-ġudizzju għadda mill-persuna tal-attur Joseph Borġ, li miet fiż-żmien tal-kawża, għal fuq George, Rita, Carmela, Nażżareno, Mary, Joseph, Anna u Jesmond Borġ**

**vs**

**Salvu BORĠ u b'Degriet tal-15 ta' Jannar, 2001, ġew kjamati fil-kawża ulied Salvu Borġ u ċjoe' Anthony, Charles, Salvatore u Josephine mart Edmond Fenech, ilkoll aħwa Borġ**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Jannar, 2000, li bih l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-qasma jew,

jekk din ma tistax issir mingħajr xkiel, il-bejgħ b'liċitazzjoni, tal-ġid mill-wirt ta' Tereża Borġ, xebba, li mietet fil-25 ta' Marzu tal-1999, u dan għaliex ma jridux jibqgħu jżommu aktar dak il-ġid flimkien mal-imħarrkin;

Rat li, għall-azzjoni tal-attur, l-imħarrek laqa' b'Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-29 ta' Frar, 2000, billi qal li jaqbel mat-talbiet tal-atturi, imma jmisshom jiddaħħlu fil-kawża nies oħrajn, u żied jgħid li ma jaqbilx li l-ġid għandu jinbiegħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti għaliex il-ġid li hemm jista' jinqasam bla xkiel bejn kulħadd;

Rat id-degriet tal-15 ta' Jannar, 2001[1], li bih issejħu fil-kawża Anthony, Charles, Salvu u Josephine Fenech, aħwa Borġ, li jiġu wlied l-imħarrek Salvu Borġ;

Rat in-Nota ta' Eċċezzjonijiet imressqa mill-imsejħin fil-kawża fit-22 ta' Frar, 2001, li biha tennew l-eċċezzjonijiet ta' missierhom fil-mertu;

Rat id-degriet tat-23 ta' Frar, 2001[2], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Joseph Ellul Vinċenti bħala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fit-13 ta' Ġunju, 2001[3], maħlufa minnu waqt is-smigħ tal-21 ta' Novembru, 2001;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet bil-meżż tal-affidavit u dik mogħtija waqt is-smigħ quddiem il-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Mejju, 2003;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-30 ta'Lulju, 2003[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-19 ta' Novembru, 2003, bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

[1] Paġ. 23 tal-proċess
[2] Paġ. 46 tal-proċess
[3] Paġġ. 62-8 tal-proċess
[4] Paġ. 133 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fis-16 ta' Marzu, 2004[5], b'replika għal dik imressqa mill-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tas-16 ta' Marzu, 2004, tal-24 ta' Ġunju, 2004, u tas-7 ta' Ottubru, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-fatti rilevanti li jsawru l-każ juru li fit-30 ta' Diċembru, 1980[6], mietet Ġovanna Borġ, xebba bint il-mejtin Carmelo u Rosa mwielda Aġius. Ġovanna Borġ mietet xebba. Il-wirt tagħha kien regolat b'testment li hija għamlet quddiem in-Nutar Salvatore (Sammy) Abela fis-7 ta' Lulju, 1970[7]. Fl-imsemmi testment, ħatret bħala werrieta waħdanija u assoluta tagħha lil oħtha oħra, xebba wkoll, jisimha Tereża. B'kuntratt magħmul fit-28 ta' Marzu, 1988[8], fl-atti tan-Nutar Anġlu Vella, Tereża u ħuha Salvu Borġ taw, b'titolu ta' donazzjoni, lil ulied l-istess Salvu Borġ kull sehem li huma kellhom mill-irziezet numri 65 u 67, Triq San Pawl Milqi, Burmarrad, flimkien mar-raba' ta' madwarhom;

Illi Tereża Borġ mietet fil-25 ta' Marzu, 1999[9]. Din kienet ukoll għamlet testment fis-7 ta' Lulju, 1970[10], quddiem l-istess Nutar Abela u li fih kienet ħalliet werrieta waħdanija u assoluta tagħha lil oħtha Ġovanna. Sa ma mietet, Tereża ma kinitx għamlet testment ieħor[11]. Għalhekk, meta mietet Tereza Borġ, il-werrieta maħtura tagħha kienet ilha diġa' mejta dsatax-il sena, u l-wirt ta' Tereża Borġ għadda għand il-partijiet bis-saħħa tal-liġi. Carmelo u Rosa miżżewġin Borġ kellhom ħames (5) ulied, jiġifieri l-attur Joseph Borġ, lil Ġovanna u Tereża, lil Konċetta (mart Gabriel Briffa) u lil Salvu, l-imħarrek. Konċetta Briffa

---

[5] Paġġ. 152-3 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[7] Dok "B", f'paġġ. 6-8 tal-proċess
[8] Dok "AA", f'paġġ. 33-7 tal-proċess
[9] Dok "E", f'paġ. 12 tal-proċess
[10] Dok "F", f'paġġ. 13-5 tal-proċess
[11] Dokti "G" u "Ħ", f'paġġ. 16-7 tal-proċess

mietet f'Ottubru tal-1985, qabel ma nfetħet il-kawża, filwaqt li ħuha l-attur Joseph Borġ miet fil-mori. Fil-5 ta' Jannar, 2000, infetħet il-kawża;

Illi l-ewwel konsiderazzjoni ta' dritt li din il-Qorti trid tagħmel hija li tiċċara li l-azzjoni qegħda timmira għall-qsim tal-wirt ta' Tereża Borġ. Ma ntalab il-likwidazzjoni jew il-qsim tal-ebda wirt ieħor. Lanqas ma ntalbet id-diviżjoni sempliċi ta' ġid komuni;

Illi t-tieni kunsiderazzjoni li trid issir hija dwar fiex kien jikkonsisti tassew il-wirt ta' Tereża Borġ fil-waqt tal-mewt tagħha. Il-ħames premessa taċ-Ċitazzjoni tal-atturi tgħid li l-wirt tagħha (billi hija wirtet li oħtha Ġovanna wkoll) kien jikkonsisti fir-razzett, bin-numru ħamsa u sittin (65), fi Triq San Pawl Milqi, Burmarrad, flimkien mar-raba' ta' miegħu. Ma ssemma l-ebda ġid immobbiljari ieħor, għalkemm jissemmew ħwejjeġ mobbli bħal flus, "dokumenti", deheb u ħaġar prezzjuż. Sakemm il-kawża tħalliet għas-sentenza, ħadd mill-partjiet ma ressaq l-iċken prova ta' xi ġid ieħor li l-imsemmija Tereża Borġ seta' kellha fil-waqt ta' mewtha;

Illi, għall-kuntrarju, jirriżulta li, minn dokument li ressqu l-atturi nfushom meta għamlu t-talba għas-sejħa fil-kawża ta' wlied l-imħarrek Salvu Borġ, Tereża Borġ għaddiet, b'kuntratt ta' donazzjoni magħmul meta kienet għadha ħajja, kull sehem li hija kellha mill-imsemmi razzett flimkien ma' razzett ieħor bin-numru sebgħa u sittin (67). L-istess att pubbliku jgħid li l-imsemmi ġid (bini) kien mikri lil Tereża Borġ. L-attur jgħidu[12] li huma saru jafu bil-kuntratt imsemmi wara li kienu fetħu din il-kawża. Imma dan ma jibdel xejn mill-qagħda legali li seħħet *erga omnes* fir-rigward tat-titolu li Tereża Borġ seta' kellha fuq l-imsemmi ġid. Minbarra dan, jekk wieħed kellu joqgħod fuq id-dikjarazzjoni miktuba li saret minn Joseph Borġ f'Ġunju tal-1999[13], ma jistax jingħad li ma kienx hemm għarfien li Tereża Borġ kienet "biegħet" sehemha mir-razzett saħansitra minn awtur ta' wħud mill-atturi;

[12] Affidavit tal-attur Carmelo Briffa 1.3.2002, f'paġġ. 86 tal-proċess
[13] Dok "GBZ", f'paġ. 90 tal-proċess

Illi fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li, ladarba, matul ħajjitha, Tereża Borġ, għaddiet lil ulied ħuha Salvu kull sehem li hija kellha mir-razzett numru 65, Triq San Pawl Milqi, flimkien mar-raba' ta' miegħu, dan il-ġid ma kienx għadu aktar jagħmel parti mill-wirt tagħha. Lanqas jista' jingħad li f'dan il-każ hemm lok li japplika l-istitut tal-kollazzjoni, billi Tereża Borġ mietet xebba u l-kollazzjoni tapplika biss fir-rigward ta' wlied u dixxendenti diretti tal-mejjet[14], u mhux ukoll dwar dawk kollaterali;

Illi f'din il-kawża il-partijiet tħabtu fit-tul fuq il-kwestjoni dwar jekk kienx hemm jedd ta' inkwilinat fuq l-imsemmi razzett jew jekk dak il-ġid kienx ħieles u frank. Tressqu provi wkoll dwar dan u saru sottomissjonijiet mid-difensuri tagħhom. M'hemmx dubju li din il-bixra tal-kawża jidher li nessiet lill-partijiet x'kienet it-talba attriċi ewlenija u serviet ta' distrazzjoni lilhom lill-Qorti nfisha (kif qabel presjeduta u kif issa kostitwita) mill-istħarriġ ta' dak li messu nġieb 'il quddiem. Madankollu, fil-każ partikolari, jirriżulta li dan kien kollu għalxejn f'din il-kawża, għaliex kif ingħad l-azzjoni kienet waħda ta' likwidazzjoni u qasma ta' wirt partikolari u mhux likwidazzjoni u qasma ta' ġid miżmum flimkien. Huwa minnu li l-atturi u l-imħarrkin għandhom dak il-ġid komuni bejniethom, imma l-ebda parti minnu ma jagħmel parti mill-wirt ta' Tereża Borġ, kif trid l-ewwel talba attriċi. Minbarra dan, it-talbiet l-oħrajn kollha huma konsekwenzjali għall-ewwel talba u mnisslin minnha;

Illi l-Qorti trid taqta' l-kawża fuq dak li jintalab fl-Att taċ-Ċitazzjoni għaliex huma fuq dawk il-parametri biss u fuq l-eċċezzjonijiet li jitressqu għal dawk it-talbiet li l-Qorti tista' tistħarreġ u tiddeċiedi;

Illi għalhekk, ikun eżerċizzju inutli minn din il-Qorti li tiddetermina jekk kienx hemm jew le kirja fuq xi parti mill-ġid, l-aktar meta l-ebda talba ma saret f'dan is-sens;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

---

[14] Artt. 913(1) u 930(1) tal-Kap 16

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** għaliex ma nġiebet l-ebda prova ta' xi ġid li seta' jagħmel parti mill-wirt ta' Tereża Borġ fil-waqt ta' mewtha;

Billi t-talbiet l-oħrajn jsegwu l-ewwel talba, **tiċħad it-talbiet l-oħrajn attriċi;**

Fiċ-ċirkostanzi, **l-ispejjeż** ikunu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------